# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Erbgħa, 25 ta' Settembru 2024**

**Rikors Nru: 584/2024**
**Nru fuq il-Lista: 36**

**Alexandra sive Sandra Barker [Passaport Ingliz Nru: 131669244] kemm f'isimha personali kif ukoll f'isem u għan-nom ta': Paul Newman [Passaport Ingliz Nru: 1303456589], Andrew Newman [Passaport Ingliz Nru: 551421328], David Newman [Passaport Ingliz Nru: 5306702843], Michael Bisset [Passaport Malti Nru: 1246677], Carol Fairchild [Liċenzja tas-sewqan Nru: FAIRC551195CA7YM 08], Elizabeth Candalis sive Kandyli [Passaport Grieg Nru: AY0187798], John Fairchild [Passaport Ingliz Nru: 558214598] u Martin Fairchild [Passaport Ingliz Nru: 551920855]**

**vs.**

**Carmen Farrugia [KI 700055M] u L-Awtorità tad-Djar**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur mressaq fis-27 ta' Novembru 2023[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn *ad litteram*, ġie premess u ntalab is-segwenti;

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

1. *Premess illi r-rikorrenti huma propjetarji tal-fond ossia appartament, li originarjament kien jikkonsisti f'zewg appartamenti li gew imnifdin flimkien, bin-numru intern 4/5, formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru ufficjali 106 fi Triq il-Vitorja, Senglea, liema fond huwa okkupat mill-intimata Carmen Farrugia.*

2. *Illi l-block bini li minnu jifformaw parti l-fuq imsemmija appartamenti, flimkien ma zewgt ihwienet, gew mibnija fuq is-sit fejn originarjament kien hemm dar bil-kantina tahtha li kienet iggib in-numri 93A u 94 u li fl-antik giet deskritta li tinsab Strada Vitorja (illum Victory Street / Triq il-Vitorja). Din id-dar ggarfet fi zmien il-gwerra u n-numru taghha kien inbidel ghal 107. Sussegwentement meta is-sit rega inbena, inghata n-numri 106 u 107, bin-numru 106 jirreferi ghall-entratura tal-fuq imsemmi blokk bini. Dan kollu jirrizulta mill-atti aktar l-isfel indikati.*

3. *Illi d-dar fuq imsemmija kienet tappartjeni in kwantu ghal terz (1/3) indiviz lill-ahwa Maria, Giuseppina, Dolores u Giovanna ahwa Muscat stante li dan is-sehem gie assenjat lilhom permezz ta' kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Enrico Saydon datat 24 ta' Lulju 1926 (kopja hawn annessa u mmarkata bl-ittra '**A**'). Dan is-sehem, flimkien ma mmobbli ohrajn, gew assenjati lill-ahwa bhala s-sehem taghhom derivanti mill-wirt ta' ommhom* **Antonia Muscat** *li mietet intestata fil-15 t'April 1922 (kopja tac-certifikat tal-mewt realttiv u tar-ricerki testamentarji hawn annessi u mmarkat bl-ittri '**B1**', '**B2**' u '**B3**' rispettivament);*
4. *Illi r-rimanenti zewg terzi (2/3) indivizi tad-dar inxtraw minn missier il-fuq imsemmija ahwa Muscat, cioe Joseph Muscat, wara li huwa kien izzewweg lit-tieni mara tieghu, Elena Muscat u dan permezz ta'*

*kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri Maempel tas-16 ta' Dicembru 1947 (kopja hawn annessa u mmarkata bl-ittra '**C**');*

5. *Illi* **Joseph Muscat** *miet fit-22 ta' Novembru 1950 (kopja tac-certifikat tal-mewt u tar-ricerki testamentarji relattivi huma hawn annessi u mmarkati bl-ittri minn '**D1**', '**D2**' u '**D3**' rispettivament) mentri* **Elena Muscat** *mietet fl-4 ta' Jannar 1964 (kopja tac-certifikat tal-mewt u tar-ricerki testamentarji relattivi huma hawn annessi u mmarkati bl-ittri minn '**E1**', '**E2**' u '**E3**' rispettivament) u a tenur tal-ahhar testment unica charta tal-imsemmija konjugi Muscat, li sar fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri nhar id-29 ta' Jannar 1949 (kopja hawn annessa u mmarkata bl-ittra '**F**'), is-sehem ta' 2/3 mid-dar ghadda f'idejn ulied Joseph Muscat u cioe Maria, li sa dak iz-zmien kienet izzewget u hadet il-kunjom Bisset, u hutha xebbiet Giuseppina, Dolores u Giovanna. B'dan il-mod l-imsemmija ahwa Muscat saru proprjetarji tal-intier tal-blokk bini li minnu jifforma parti l-appartament mertu tal-proceduri odjerni;*

6. *Illi* **Dolores Muscat** *mietet xebba u bla tfal fil-31 ta' Dicembru 1994 (kopji tac-certifikat tal-mewt u tar-ricerki testamentarji relattivi hawn annessi u mmarkati bl-ittri '**G1**', '**G2**' u '**G3**') u a tenur tal-ahhar testment taghha fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa datat 25 ta' Mejju 1989 (kopja hawn annessa u mmarkata bl-ittra '**H**'), hija halliet b'titolu ta' legat favur ohtha Giovanna sive Jane Muscat l-assi immobiljari kollha taghha f'Malta, inkluz ghalhekk il-fond mertu tal-proceduri odjerni;*
7. **Giovanna sive Jane Muscat** *mietet xebba u bla tfal fil-11 ta' Marzu 2017 (kopji tac-certifikat tal-mewt u tar-ricerki testamentarji relattivi hawn annessi u mmarkati bl-ittri '**I1**', '**I2**' u '**I3**') u a tenur tal-ahhar testment taghha fl-atti tan-Nutar Annalise Micallef tat-13 ta' Gunju 2012 (kopja hawn annessa u mmarkata bl-ittra '**J**') hija halliet il-*

*proprjeta immobiljari taghha f'Malta b'legat favur in-neputijiet taghha Sandra Barker, Michael Bisset, Elizabeth Kandyli, John Fairchild, Carol Fairchild, Martin Fairchild, f'sehem ta' settimu indiviz kull wiehed, u r-rimanenti settimu indiviz bejn ulied in-neputija premorta taghha Miriam Newman, cioe David u Andrew Newman. L-imsemmija legatarji huma lkoll rikorrenti fuq dan ir-rikors;*

8. ***Mary Bisset Ward** mietet fl-Ingilterra nhar is-16 t' Ottubru 2006 u permezz tal-ahhar testment taghha Ingliz datat 26 ta' Gunju 1989 (kopji tac-certifkat tal-mewt u tat-testment huma hawn annessi u mmarkati bl-ittri '**K1**' u '**K2**') hija istitwiet bhala ezekuturi testamentarji u trustees tal-wirt taghha lil uliedha Miriam Newman u r-rikorrenti Sandra Barker u halliet ir-residwu tal-assi taghha favur l-istess Miriam u Sandra flimkien ma huhom, ir-rikorrent l-iehor, Michael Bisset;*

9. ***Miriam Newman** mietet Spanja nhar is-6 t'Ottubru 2009 u permezz tal-ahhar testment Ingliz taghha tat-23 ta' Marzu 1994 u l-ahhar testment Spanjol taghha tal-21 ta' Lulju 2003 (kopji tac-certifkat tal-mewt u tat-testmenti huma hawn annessi u mmarkati bl-ittri '**L1**', '**L2**' u '**L3**'), hija nnominat lil zewgha r-rikorrent Paul Chandler Newman bhala sole trustee, ezekutur testamentarju, u uniku eredi taghha;*

10. ***Josephine Constance Fairchild** mietet fl-10 ta' Lulju 2017 u permezz tal-ahhar testment Ingliz taghha tas-17 ta' Jannar 2013 (kopji tac-certifkat tal-mewt u tat-testment huma hawn annessi u mmarkati bl-ittri '**M1**' u '**M2**'), hija nnominat lir-rikorrenti Carol Ann Fairchild u Elizabeth Anne Candilis bhala trustees u ezekuturi testamentarji taghha bir-residuary estate taghha jappartjeni lill-istess zewg rikorrenti;*

11. *Ili l-appartamenti aktar il-fuq deskritti originarjament gew mikrija lil omm l-intimata, cioe Theresa Farrugia ghall kera li dak iz-zmien kienet tammonta ghal ghoxrin Lira Maltin (Lm20) fis-sena ghal kull appartament. Wara l-mewt taghha bdiet tokkupa dawn l-appartamenti, li sa dak iz-zmien kienu gew imniffda u saru fond wiehed, bintha l-intimata Carmen Farrugia bi tkomplija tal-istess titolu ta' kera u fil-prezent il-kera mhallsa annwalment tammonta ghal tlett mija u tnejn u sebghin Euro (€372) u cioe mija u sitta u tmenin Euro (€186) ghal kull appartament;*

12. *Illi din il-kera hija wahda irrizorja meta wiehed iqis il-kera li dan il-fond jista' jgib fis-suq illum il-gurnata.*

13. *Illi ai termini tal-Artikolu 4A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini, Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti huma intitolati li jitolbu sabiex l-kera tigi riveduta ghall-ammont li ma jeccedix it-tnejn fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tal-fond in kwistjoni u sabiex jigu stabbiliti kundizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-kaz.*

14. *Illi skond l-istess artikolu f'kaz li l-intimata ma tissoddisfax il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-inkwilina ghandha tinghata terminu ta' mhux aktar minn sentejn sabiex tivvaka mill-fond u thallas kumpens akkordat minn dan l-Onorabbli Bord jekk ikun il-kaz.*

15. *Illi r-rikors odjern qieghed jigi pprezentat minghajr ebda pregudizzju ghal proceduri kostituzzjonali li r-rikorrenti bi hsiebhom jipprezentaw ghal- ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom minnhom soffert.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu li dan l-Onorabbli Bord joghgbu:*

1. *Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimata skond il-ligi u r-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviz Legali 463 tal-2011 kif emendat minn zmien ghal zmien - SL 16.11);*

2. *F'kaz li dan il-Bord isib li l-intimata ma tissodisfax il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tal-mezzi skond il-ligi ixolji l-kirja favur l-intimata tal-fond u jikkundanna lill-intimata tivvaka l-fond fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lilha minn dan il-Bord u jaghti dawk il-provvedimenti ohra kollha xierqa nkluz li jistabilixxi l-kumpens li ghandhu jithallas lir-rikorrenti ghall-uzu tal-fond sakemm l-intimata trodd il-pussess liberu u vakanti tal-fond lura lir-rikorrenti;*

3. *F'kaz li dan il-Bord isib li l-intimata tissodisfa l-kriterji tad-dhul u tal-kapital tal-mezzi skond il-ligi sabiex tibqa' fil-kirja (a) jirrivedi u jistabilixxi l-kera li ghandha tithallas skond il-ligi fl-oghla ammont permissibbli; u (b) jistabbilixxi dawk il-kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera u jaghti dawk il-provvedimenti ohra kollha xierqa ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 skond il-kaz.*
4. *Jaghti dawk il-provvedimenti l-ohra kollha necessarji u opportuni skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqghu ingunti minn issa in subizzjoni; u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra kompetenti lir-rikorrenti inkluz ghad-danni, jekk ikun il-kaz.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord tal-5 ta' Diċembru 2023[2], fejn dan ir-rikors ġie appuntat għas-smiegħ.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar mressqa fis-27 ta' Diċembru 2023[3].

Ra r-risposta tal-intimata Farrugia tal-25 ta' Jannar 2024[4].

Ra dak li seħħ fis-seduta tad-19 ta' Frar 2024,[5] fejn ġew maħtura l-Periti Elena Borg Costanzi u Mario Cassar.

Ra n-nota tal-intimata Farrugia tat-18 ta' Marzu 2024[6] kontenenti d-dokumenti relattivi għat-twettieq tat-test tal-mezzi.

Ra r-rapport peritali tal-Membri Tekniċi mressaq fl-20 ta' Marzu 2024[7].

Ra n-nota tar-rikorrenti mressqa fil-15 ta' Mejju 2024 kontenenti l-prokuri tar-rikorrenti li jinsabu barra minn Malta u dan fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Farrugia[8].

Ra dak li seħħ fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2024[9] fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti proċesswali kollha.

---

[2] A fol 79 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 82 tal-proċess.
[4] A fol 86 tal-proċess.
[5] A fol 89 tal-proċess.
[6] A fol 91 *et seq* tal-proċess.
[7] A fol 130 *et seq* tal-proċess.
[8] A fol 145 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol 177 tal-proċess.

**Ikkunsidra;**

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Att XXIV tas-sena 2021, liema Att nieda proċedura simili għal dik li kienet daħlet fil-konfront ta' kirjiet ibbażati fuq il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-verità l-Att XXIV tas-sena 2021 wettaq ukoll diversi emendi mill-Att preċedenti[10] u dan fi żmien relattivament qasir. Din il-leġislazzjoni hija frott numru konsiderevoli ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana li ddikjarat kemm il-darba ksur tad-drittijiet fundamentali ta' sidien, kemm fir-rigward ta' kirjiet naxxenti mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll dawk li jemerġu mill Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa minnu li l-azzjoni hawn utilizzata tippermetti ċertu ammont ta' diskrezzjoni (u allura responsabbiltà) lil dan il-Bord fl-iffissar tal-persentaġġ li għandu jintuża[11]. Madanakollu, għal dan il-Bord, huwa ċar li dan il-persentaġġ, sakemm verament ma jiġux pruvati xi ċirkostanzi estremi, għandu dejjem ikun viċin il-massimu tiegħu[12]. Naturalment dan huwa aktar aċċentwat f'każ fejn xi sidien, qabel ma jkunu niedu din il-proċedura, jkunu ottjenew dikjarazzjoni li huma sfaw vittmi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ikun ħażin li f'każ bħal dak, dan il-Bord possibbilment ikun hu stess kaġun ta' kontinwazzjoni ta'

---

[10] Att XXVII tas-sena 2018.

[11] Dwar dan il-Bord jissenjala li l-leġislatur ħass li fejn qabel, l-Att Nru. XXVII tas-sena 2018 kien jistabbilixxi x'għandu jeżamina l-Bord meta jiġi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli (u dan fil-konfront tal-azzjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta), dan il-fattur tneħħa bl-Att Nru XXIV tas-sena 2021. B'hekk skond il-liġi tal-lum, il-Bord hu fil-libertà li jqis kull fattur li huwa jirritjeni determinanti.

[12] Huma issa diversi s-senjalazzjonijiet magħmula fi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali fuq dan l-aspett. Fost diversi, il-Bord jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Carmela Buhagiar *et* vs Avukat tal-Istat *et*,** (Rik Kost Nru: 120/20/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Ukoll, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Fatima Azzopardi *et* vs Carmelo Azzopardi *et*,** (210/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Lil hinn minn deċiżjonijiet f'dik il-kompetenza però, dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fl-ismijiet **Helen Sammut vs Joseph Vella *et*,** (Appell Inferjuri Numru 114/2021LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Marzu 2023, fejn aggravju fuq punt simili ġie miċħud.

dik il-vjolazzjoni billi jiffissa kirja b'persentaġġ tant baxx li l-kirja l-ġdida tispiċċa wkoll tkun waħda irriżorja.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet imiss li dawn il-prinċipji jiġu applikati għall-każ odjern.

Illi dwar it-titolu[13], il-Bord huwa sodisfatt mid-dokumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti li ma ġietx kontradetta.

Illi minn eżami tad-dokumentazzjoni tal-intimata Farrugia relattivi għat-test tal-mezzi, il-Bord isib li hija tissodisfa t-test tal-mezzi rikjest, skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11[14].

Illi skond il-Periti Membri Tekniċi, il-fond in kwistjoni jikkonsisti minn żewġ appartamenti li ġew imniffda f'wieħed. Illi l-Periti tekniċi fil-fatt għamlu żewġ valutazzjonijiet u qiesu li l-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-appartament numru erbgħa (4), fil-perjodu rilevanti skond il-liġi, jammonta għal mija u ħamsa u sittin elf Ewro (€165,000), filwaqt li l-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-appartament numru ħamsa (5), fil-perjodu rilevanti skond il-liġi, jammonta għal mija u ħamsa u erbgħin elf Ewro (€145,000). B'hekk globalment, dan il-fond ġie valutat minnhom fl-ammont ta' tliet mija u għaxart elef Ewro (€310,000). Tajjeb jingħad li fil-verbal tad-19 ta' Frar 2024, ġie speċifikat li ma kellux jittieħed qies

---

[13] Dwar dan, il-Bord jiġbed l-attenzjoni għal-fatt li n-nomenklatura ta' min jista' jħejji azzjoni ai termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta inbidel. Filwaqt li l-Att XXVII tas-sena 2018 (relevanti għall-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta) kien isemmi li l-azzjoni li kien "il-propjetarju" li seta' jippreżenta tali rikors, l-Att XXIV 2021, ġustament, illum jutilizza l-kliem "sid il-kera".
[14] Regolamenti 5(6) u 6(5).

tal-eventwali potenzjal tal-fond in kwistjoni[15]. Ir-rapport kien wieħed unanimu u għalhekk dan il-Bord qiegħed jaċċetta dik il-konklużjoni[16].

Illi kif diġà ntqal, għal dan il-Bord, persentaġġ viċin il-massimu ta' 2% għandha tkun ir-regola, u f'dan il-każ ma ġiet ippruvata l-ebda ċirkostanza li twassal il-Bord sabiex jistabbilixxi persentaġġ inqas mill-massimu li tippermetti l-liġi[17]. B'hekk, il-kera annwali pagabbli tal-fond in kwistjoni għandu jkun fl-ammont ta' sitt elef u mitejn Ewro (€6,200) fis-sena.

Illi finalment, il-Bord iqis doveruż jissenjala li l-mod ta' kif ġie mfassal ir-rikors promotur huwa errat. L-Awtoritá tad-Djar f'dawn il-proċeduri m'għandiex tiġi indikata fl-okkju tal-kawża iżda għandha biss tiġi notifikata bir-rikors promotur sabiex, a tenur ta' dak li stabbilixxa l-Att XXIV tas-sena 2021, hija tkun tista tipparteċipa fi proċeduri bħal dawn, bħala intervenuta, jekk hekk tkun trid tagħmel[18]. Li wieħed jgħid kontra dan ikun ifisser li jkun qiegħed jitlob li jirrikonoxxi l-Awtoritá bħala inkwilina u li l-kera titħallas minnha stess. Dan il-fatt sejjer jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:

1) Jastjeni milli jqis aktar l-ewwel talba billi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament ta' dawn il-proċeduri.

---

[15] F'dan is-sens il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza tiegħu fl-ismijiet **Gerald Camilleri *et* vs Alphonse Camilleri *et*,** (Rik Nru: 213/2020) mogħtija nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata) li fiha ġew imħaddna l-prinċipji relattivi emerġenti mill-aħħar sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali dwar dan il-punt. Dan il-ħsieb ġie wkoll mtenni fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Bonello *noe* vs Joseph Cardona *et*,** (Rik Nru: 53/20NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar il-25 ta' Jannar 2024.

[16] Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

[17] Ara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Rossana Mula *et* vs Maria Theresa k/a Marthese Farrugia,** (Rik App Nru: 346/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-13 ta' Marzu 2024 fejn ġiet mibdula l-pożizzjoni mħaddna mill-istess Qorti f'deċiżjonijiet passati bħal dik fl-ismijiet **Mary Rose Spiteri *et* vs Antoine Farrugia *et*,** (App Ċiv Nru: 265/2021) mogħtija fl-24 ta' Mejju 2023

[18] Artikolu 4A(3)(a) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

2) Jiċħad it-tieni talba.
3) Jilqa' t-tielet talba u b'hekk jordna li l-intimata Farrugia tibda tħallas lir-rikorrenti kera għall-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, u ċioé l-fond ossia appartament, li oriġinarjament kien jikkonsisti f'żewġ appartamenti li ġew imnifdin flimkien[19], bin-numru intern erbgħa/ħamsa (4/5), formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru ufficjali mija u sitta (106) fi Triq il-Vitorja, Senglea, fl-ammont ta' sitt elef u mitejn Ewro (€6,200) fis-sena, fl-ammont ta' ħames mija u sittax-il Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€516.66ċ) fix-xahar, pagabbli kull xahrejn bil-quddiem, u dan mid-data ta' din is-sentenza.
4) Jiċħad ir-raba' talba.
5) Jiċħad l-eċċezzjonijiet sa fejn inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.

L-ispejjeż tar-rikorrent u tal-Awtoritá tad-Djar jitħallsu mir-rikorrent[20]. L-ispejjeż tal-intimata inkwilina jitħallsu mill-istess intimata.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[19] Ara rapport a fol 131 tal-proċess.
[20] Dan minħabba l-fatt li l-Awtoritá tad-Djar ġiet ċitata fl-okkju b'mod żbaljat.